# Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem

## IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 556

Il-Ġimgħa, 24 ta’ Frar, 2023

Il-Kunsill Lokali Ta’ Kerċem iltaqa’ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fiċ-Ċentru Ċiviku, Pjazza Orvieto, Ta’ Kerċem, fis-13.45 ta’ wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

SKUŻATI:

Frankie Attard – Kunsillier
Horace Vella – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjieda l-Laqgħa.

## 556.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġija

Is-Sinjuri Frankie Attard u Horace Vella talbu li jigu skuzati minhabba ragunijiet ta' xogħo. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 556.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 556.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

556.3.1 Is-Sindku spjega illi lbieraħ saret laqgħa mal-Viċi Sindku ta' Soriano nel Cimino dwar il-proġetti tal-Erasmus+ u t-Town Twinning. Bħalissa qed naħdmu biex napplikaw għall-fondi.

556.3.2 Is-Sindku qal li erġajna enfasizzajna mal-Ministeru għal Għawdex li jitnaddaf Wied il-Lunzjata għax mimli u mfawwar bil-ħaxix ħażin.

556.3.3 Wara li ndunajna li ntefa' xi terrapien quddiem l-Għadira ta' San Raflu, irriżulta illi dan tefgħuh tas-CMU u ħa jerġgħu jużawh u għalhekk ser jitneħħa f'qasir żmien.

556.3.4 Dwar iz-zebra crossing ta' Triq Ġużeppi Briffa, kienu ġibdulna l-attenzjoni l-Pulizija li qegħda f'kantuniera. Il-Kunsill iddiskuta u wasal għall-punt illi tagħmilha fejn tagħmilha f'kantuniera ħa tibqa' għaliex anke zebra corssings oħrajn, kollha f'kantuniera qegħdin.

556.3.5 Is-Sindku fakkar lill-Kunsill illi nhar il-11 ta' Marzu ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tal-monument tal-Lunzjata u filgħaxija jsir marċ ad unur San Girgor.

556.3.6 Is-Sindku qal li tkellimna mal-LESA u ser ikollna l-kameras kollha tar-raħal ikkonnettjati mal-LESA.

556.3.7 Kien hemm korrispondenza dwar l-għalf tal-papri tal-Għadira fejn l-Animal Welfare qablu illi jagħtuna l-għalf u tmur titmagħhom l-Animal Steward. Filfatt qed isir hekk diġa'.

556.3.8 L-LA's ta' Triq Għajn Tuta issa jinsabu ffirmati kollha u qed nistennew il-kuntrattur jiġi jibda.

556.3.9 L-Avukat infurmana illi l-Ittra Uffiċjali li konna bgħatna lir-restawratur Stefano Sferrazzo dwar ir-restawr tan-niċċa tal-Madonna tal-Patri ma waslitx imma ma nafux għandux indirizz ieħor. Madanakollu, il-Kunsill se jkompli bix-xogħol li baqa'.

556.3.10 Is-Sindku għadda l-kondoljanzi tiegħu lill-familja tal-ex Sindku Paul Gauci għat-telfa tiegħu. F'dan il-mument, il-Kunsill Lokali għamel minuta ta' silenzju bħala rispett lejn is-Sur Gauci.

556.3.11 Is-Sindku semma laqgħa li saret fil-Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali dwar skemi li l-Kunsill jista' jibbenefika minnhom.

556.3.12 Is-Sindku semma l-bollards li qeghdin fil-kantuniera fi Pjazza Santa Luċija. Waħda minnhom tgħawġet 'l barra u qlajniha. Issa kellimna lil TM dwar dan il-każ ħalli naraw x'inhi l-aħjar soluzzjoni.

556.3.13 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Ministeru għal Għawdex ser jerġa' japplika għall fondi taħt Miżura 4.3 sabiex issir it-triq tar-rotta tal-barrieri li qed jipproponi l-Kunsill.

556.3.14 Dwar il-ħajt li kien twaqqa fi Triq Xuxa wara li ħabtet karozza ġo fih, is-Sindku qal li għadu hekk peress li għadna għaddejjin bil-Qorti dwaru.

556.3.15 Is-Sindku għarraf lill-Kunsill illi ser ikun hemm sensiela ta' għana ta' kull nhar ta' Ħadd f'irħula differenti b'kollaborazzjoni mal-Ministeru għal Għawdex.

## 556.4 Day Care Centru

Fil-jiem li għaddew iltqajna mal-Ministru Jo-Ettienne Abela u wera x-xewqa li fuq iċ-Ċentru Ċiviku jsir Day Care Centre. Il-Kunsill Lokali talab li jkun ukoll night shelter. Għamilna proposal dwar dan il-proġett u ppreżentajnieh lill-Ministru Abela.

## 556.5 Pjazza San Girgor

Kellna laqgħa mal-perit Godwin Sultana u suppost dalwaqt joħorġu l-offerti.

## 556.6 Triq Għajn Tuta

Tkellimna mal-kuntrattur u issa qed nistennew lilu.

## 556.7 Infrastruttura ġewwa Ta' Kerċem

Is-Sindku tkellem dwar l-istat diżastruż li jinsabu fihom it-toroq Ta' Kerċem minħabba t-trakkijiet. Huwa qal li l-Kunsill ma jista' jagħmel xejn. Bħalissa qed isir il-patching mill-Ministeru għal Għawdex. Is-Sindku ssuġġerixxa illi f'dan l-istadju għandna nixtru sega u compacter biex inkunu nistgħu nirranġaw il-ħsarat bil-ħaddiema tagħna. Il-membri qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 556.8 Sagra ta' San Girgor

Kif ingħad qabel, nhar il-11 ta' Marzu ser ikun hemm l-inawgurazzjoni tal-monument tal-Lunzjata u filgħaxija jsir marċ ad unur San Girgor.

## 556.9 Ilmenti u Suġġerimenti

556.9.1 Is-Sindku qal li l-metre tad-dawl u l-ilma tal-Playing Field qegħdin magħluqin ġol-cabinet tal-club tal-football. Intant, irċevejna ittra mill-WSC li jidher li qed ikun hemm użu konsiderevoli ta' ilma bil-lejl minn dan l-istess metre. Għalhekk se nkellmu lill-President ta' Kercem Ajax u noħorġu l-metre tagħna barra.

556.9.2 Is-Sindku qal li għandna bżonn servizz ta' mobile għall-użu tal-Kunsill. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

556.9.3 Saret talba għal mera fi Triq l-Avukat Anton Calleja quddiem il-kunvent tas-sorijiet. Ħadd ma sab oġġezzjoni.

## 556.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 556.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-Laqgħa ntemmet fit-3.05pm u ġiet aġġornata għall-24 ta' Marzu, 2023 fis-2pm ta' wara nofsinhar.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |